SERVIZZ PARLAMENTARI – SAĦĦA U SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

7. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT Jistaqsi lill-Ispeaker: Jista' l-Ispeaker jagħti l-informazzjoni li ġejja dwar il-konformità mal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 646.11, ir-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-Servizz Parlamentari:

(a) Skont ir-regolament 9(1): min huma l-persuni nominati biex jassistu fit-tħaris tas-saħħa u s-sigurtà u fil-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji fuq il-post tax-xogħol, x'kariga għandhom, x'inhuma l-kwalifiki u t-taħriġ rilevanti tagħhom, u liema postijiet tax-xogħol ikopru?
(b) Skont ir-regolament 9(3): fejn ma hemmx persunal kompetenti intern biex jiġu organizzati l-miżuri meħtieġa, liema persuni jew servizzi esterni kompetenti ġew ingaġġati, u x'inhu l-ambitu tas-servizz tagħhom?
(c) Skont ir-regolament 9(6): kif ġie ddeterminat li n-numru u l-kompetenza tal-persuni nominati jew tas-servizzi esterni huma adegwati għad-daqs tal-entità, għan-numru ta' persuni preżenti u għall-perikli eżistenti, u x'ħin u riżorsi huma allokati lill-persuni nominati internament?
(d) Skont ir-regolament 10: meta saret l-aħħar evalwazzjoni tar-riskji għal kull post tax-xogħol u meta ġiet riveduta l-aħħar; min wettaqha; u liema miżuri korrettivi għadhom pendenti u x'inhuma l-iskadenzi għall-implimentazzjoni tagħhom?
(e) Skont ir-regolament 11: liema proċeduri huma fis-seħħ f'każ ta' periklu serju u imminenti, inkluża l-evakwazzjoni, u kemm hemm persuni kompetenti nominati biex jimplimentawhom f'kull post tax-xogħol?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'din l-informazzjoni u, fejn xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti għadu mhux issodisfat, jindika r-raġuni u d-data sa meta ser tiġi żgurata l-konformità?

22.10.2026

L-ISPEAKER: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat kif ġej:

1. Is-Servizz Parlamentari jinsab fil-proċess li jaħtar uffiċjal jew uffiċjali interni responsabbli mill-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jkollu t-taħriġ meħtieġ f'dan il-qasam. Għal dan il-għan is-Servizz Parlamentari jinsab f'kuntatt mal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) sabiex ħames uffiċjali jattendu t-taħriġ tal-Occupational Health and Safety Awareness.

2. Fl-2023 is-Servizz Parlamentari inkariga lil kumpanija privata sabiex tagħmel Valutazzjoni tar-Riskji dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (*Occupational Health and Safety Risk Assessment*) u tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet neċessarji. Bħalissa s-Servizz Parlamentari qiegħed jistenna wkoll rapport mingħand l-istess kumpanija li jirrakkomanda x'passi għandhom jittieħdu sabiex ikun żgurat li s-Servizz huwa konformi mar-regoli tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol viġenti.

3. Din il-kumpanija ntgħażlet għal raġunijiet ta' kontinwità peress li wettqet xogħol simili fuq il-binja tal-Parlament fis-snin ta' qabel.

4. Il-maġġoranza tar-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mill-Valutazzjoni tar-Riskji dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (*Occupational Health and Safety Risk Assessment*) diġà ġew implimentati, filwaqt li x-xogħlijiet għadhom għaddejjin fuq ir-rakkomandazzjonijiet pendenti.

5. Is-Servizz Parlamentari, f'kollaborazzjoni mal-Pulizija tal-Parlament, jorganizza eżerċizzji perjodiċi ta' taħriġ dwar il-proċeduri ta' evakwazzjoni f'każ ta' emerġenza jew ta' periklu serju, inkluż f'każ ta' nirien. Dawn l-eżerċizzji għandhom l-għan li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-ħaddiema, tal-Membri Parlamentari u tal-viżitaturi preżenti fil-binja. It-taħriġ isir kemm fuq bażi interna kif ukoll f'koordinazzjoni mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Wara kull eżerċizzju, issir laqgħa interna sabiex jiġu evalwati l-proċeduri segwiti u jiġu identifikati dawk l-oqsma li jeħtieġu titjib jew tisħiħ. L-aħħar eżerċizzju ta' dan it-tip sar f'Settembru 2026.

Barra minn hekk, is-Servizz Parlamentari jiżgura li l-ħaddiema li jaħdmu fil-binja jingħataw it-taħriġ speċjalizzat meħtieġ sabiex ikunu mħejjija u jkunu jistgħu jaġixxu b'mod xieraq f'każ ta' emerġenza.

L-aħħar sensiela ta' korsijiet ta' taħriġ, flimkien ma' spezzjonijiet tal-binja u eżami dettaljat tal-proċeduri ta' emerġenza, saret f'April u f'Ġunju 2025, b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

Fil-preżent is-Servizz Parlamentari għandu struttura ta' koordinazzjoni għall-emerġenzi li tinkludi Emergency Coordinators, Deputy Emergency Coordinators, Group Leaders u Emergency Fire Wardens. B'kollox, dawn il-funzjonijiet huma assenjati lil 36 uffiċjal mis-Servizz Parlamentari u mill-Pulizija tal-Parlament.

Minbarra s-sessjonijiet ta' taħriġ li hemm skedati fl-oqsma ta' Mental Health First Aid u Prevention of Psychosocial Risks, is-Servizz Parlamentari qiegħed ukoll jipprepara sabiex, fil-futur qarib, jerġa' jorganizza taħriġ fil-First Aid għall-ħaddiema kollha tal-binja, f'koordinazzjoni mal-Malta Red Cross.

Fl-aħħar nett, is-Servizz Parlamentari jiżgura li, qabel il-bidu ta' kwalunkwe xogħol mitlub minnu u li jkun ser jitwettaq minn kuntratturi jew fornituri esterni, jintalbu u jiġu vverifikati ċ-ċertifikazzjonijiet, il-permessi u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa skont in-natura tax-xogħol. Jiġi vverifikat ukoll it-tagħmir li jkun ser jintuża, sabiex jiġi żgurat li x-xogħlijiet u l-attivitajiet relatati jitwettqu f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Seduta 31
03.11.2026